TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 109/12/F

**Monica Cini**

**vs**

**Peter & Carmelo Cachia eżerċenti fil-kummerċ bħala Autotechnics**

Illum 18 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' April, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija, u ħamsa w ħamsin ewro (€555), u mija u ħamsin ewro (€150) għall-petrol, rappreżentanti diversi ħsarat wara li ħadet il-karozza tagħha għat-tiswija.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet il-karozza tagħha għand il-mekkanik għax kellha l-*engine light* tagħha tixgħel. Illi mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti ħadet il-karozza għat-tiswija u li kien hemm bżonn kienet il-problema f'tas-*sensors*. Irriżulta wkoll illi l-intimat biddel is-*sensors* billi xtara tad-ditta Bosch u mhux tal-Honda, pero' kellu jaqta' l-wires tas-*sensors* oriġinali. Meta fil-fatt ħadithom għand tal-Honda, irriżulta li eventwalment il-Honda rranġat is-sitwazzjoni u l-vettura issewwiet għal dejjem.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, huwa konfrontat bit-teżi tal-intimat fejn qal illi l-attriċi ġiet lura malajr għall-karozza u neħħa s-*sensors* mill-vettura għax kellu bżonn ikompli x-xogħol. It-Tribunal, pero' mill-provi, jikkonkludi illi huwa minnu li s-*sensors* li kienu nxtraw mill-konvenut kienu tad-ditta Bosch li bil-konsegwenza tagħhom kellhom jaqtgħu ukoll il-wires u konfrontat bix-xhieda ta' Pierre Carabott f'dan is-sens.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet u sema' l-provi kollha, huwa konvint illi l-intimat għandu t-tort għax xtara s-*sensors* tad-ditta Bosch li kienu ta' kwalita' inferjuri, u kellu jaqta' l-wires u li meta r-rikorrenti ħaditha għand tad-ditta Honda, dawn ittranġaw u fil-fatt il-bozza ma baqgħetx tixgħel.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' ħames mija u tlieta w ħamsin ewro, u għoxrin ċenteżmu (€553.20), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**